**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 14 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 914/2014/4 JZM**

**Guido Fenech, detentur karta tal-identita` numru 328152(M), Jane Bone, detentrici karta tal-identita` numru 555749(M) Maryanne Grixti, detentrici karta tal-identita` numru 754957(M)**

***kontra***

**Ernest u Bernardette konjugi Azzopardi, detenturi karta tal-identita` numru 165655(M) u 253348(M) rispettivament**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-4 ta` Lulju 2019 li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrenti kienu intavolaw mandat ta` inbizzjoni sabiex l-intimati jigu nibiti milli jkomplu jhaffru sit fi Triq il-Warda, Qrendi, fejn ir-rikorrenti ghandhom ghalqa li hija adjacenti ghal dak is-sit, u hija diviza mis-sit tal-intimati permezz ta` hajt, u dan peress illi t-thaffir qieghed isir mill-intimati ezatt taht il-hajt divizorju, bi ksur tal-Art 439 tal-Kap 16, bir-riskju li jekk it-thaffir ikompli kif inhu dak il-hajt jiggarraf, u taqa` rrimedjabilment il-hamrija taghhom u li hemm go fiha wara dak il-hajt.*

*Illi dan il-rnandat kien gie milqugh permezz ta` decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti stess datata l-hdax (11) ta` Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja ta` liema qed tigi annessa u mmarkata bhala `Dok A`.*

*Illi sussegwentement ir-rikorrenti kellhom jintavolaw rikors ta` disprezz, fl-atti tal-istess mandat, u dan peress illi l-intimati, bix-xoghlijiet ezegwiti minnhom, bdew imorru kontra d-decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti stess.*

*Illi din l-Onorabbli Qorli kienet appuntat dan ir-rikors ta` disprezz intavolat mir-rikorrenti ghas-smigh, u ordnat illi jsir access fuq il-post, bl-intiza illi partijiet isolvu l-vertenza ta` bejniethom b`mod bonarju anke, in vista tal-fatt illi huma lkoll ahwa.*

*Illi fil-fatt, waqt dan l-access, il-partijiet lahqu ftehim bonarju bejniethom, u dan l-istess ftehim gie nkorporat f`Digriet ta` din l-Onorabbli Qorti datat s-sitta (6) ta` Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala `Dok B`.*

*Illi fl-istess ftehim il-partijiet kienu qablu kif gej :*

*"Illi jittella` re-enforced hollow concrete brick wall, tal-inqas gholi ta` tliet (3) metri mill-wicc tal-blat, u dan mil-linja divizorja lejn in-naha tal-plot ta` Azzopardi. Tali linja tigi stabblita mis-surveyor Vince Camilleri, u dan taht is-sorzeljanza tal-Perit Valerio Schembri u l-*

*Perit Carmelo Ellul. L-ispejjez tal-hatra tas-surveyor ikunu a karigu tal-intimati Azzopardi.*

*llli segwitu li jsir il-hajt, jintela` warajh bit-terrapien u l hamrija sakemm tigi stabbilita l-ghalqa fil-livell li kienet qabel.*

*Attwat il-permess, ma jkunx hemm aktar kwistjoni ta` tqattigh u distanzi fil-plot tal-intimati Azzopardi vis-a-vis ir-rikorrenti Fenech, Bone u Grixti, diment illi tinzamm id-distanza ta` 0.76m mill-hajt divizorju l-gdid.*

*Ghar-rigward tal-hajt l-iehor u li skatta r-rikors ghall-hlug tal-mandat, Fenech, Bone u Grixti jiddikjaraw ruhhom sodisfatti bil-kostruzzjoni kif inhi llum, u mhumiex qed jinsistu illi t-tliet (3) filati fin-naha ta` fuq tal-hajt imtarrag, jitnehhew, lanqas il-konkos ta` warajhom."*

*Illi minkejja illi kif evidenzjat minn l-istess Digriet, il-partijiet kienu qablu illi jittella` hajt gholi ta` mill-inqas tliet (3) metri, anke b`xi kundizzjonijet ohra, l-intimati, bi ksur lampanti tal-obbligi assunti minnhom, qed jezegwixxu xoghlijiet proprju sabiex dan il-hajt jaqa`.*

*Illi in effetti qeghdin iraqqu l-hajt billi jnehhulu qoxra bricks minnu biex jigi hajt singli. Dan il-hajt, tenut kont li qed izomm il-piz tal-hamrija ta`ghalqa adjacenti li tigi f`livell iktar gholi, qed jiddghajjef u qieghed jigi rez ta`periklu ghaliex ser jikkollassa kollox.*

*Illi inoltre, jekk dan il-hajt jaqa`, l-ghalqa tar-rikorrenti ser taqa` wkoll, u b`hekk tispicca.*

*Illi apparti li r-rikorrenti qed jagixxu bi ksur ta`dan id-Digriet, huma qed jagixxu wkoll bi ksur ta` sentenza datata s-sittax (16) ta` Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) moghtija wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta enumerata 667/14.*

*Illi ghal kull buon fini, dan ir-rikors qed jigi wkoll notifikat lill-MEPA, u kif ukoll lill-Perit Stephan Vancell, inkarigat minn l-intimati u li ghalhekk huwa l-Perit responsabbli mis-sit in kwistjoni.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*i. sabiex a tenur tal-artikolu 873(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lill-intimati sabiex jirrimedjaw dak li wettqu bi ksur tal-mandat fl-ismijiet premessi, u senjatament tordnalhom ukoll sabiex jergghu jqieghdu l-hajt in kwistjoni fl-istat li kien meta sar il-ftehim hawn fuq imsemmi.*

*ii. alternattivament, u f`kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet enumerati (i) tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex a tenur tal-Artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, jinizzja proceduri ghal disprezz kontra l-intimati, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrielha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fis-16 ta` Settembru 2019 li taqra hekk :-

*Illi l-intimati jopponu ghat-talbiet dedotti mir-rikorrenti permezz tar-rikors taghhom tal-4 ta` Lulju 2019, u dan ghas-segwenti ragunijiet.*

*Illi fl-ewwel lok, u preliminarjament, ir-rikors hu monk u irritwali.*

*Illi r-rikorrenti donnhom qed jippretendu li l-effetti ta` mandat t`inibizzjoni jibqghu veljanti b`mod permanenti, mentri hija gurisprudenza akkolta li talba ghal inibizzjoni perpetwa m`hijiex ammissibbli*[1].

*Illi l-ligi stess, bis-sahha tal-artikolu 838B(1) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, tipprovdi li : "Sakemm ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat, kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa` fis-sehh sa hmistax-il gurnata wara li l-kawza tghaddi f`gudikat". Kif jghidu r-rikorrenti stess, il-kawza li dwarha sar dan il-mandat t`inibizzjoni giet deciza fis-16*

[1] Ara ad ezempju **Dr. Raymond Pace nomine vs. Salvatore Xuereb et** (Appell Superjuri, 26/3/2010); **Connie Galea vs. Joseph Gauci** (Appell Superjuri, 7/10/1997), fost bosta ohrajn.

*t`Ottubru 2017, u kwindi altru li dan il-mandat illum m`ghadux fis-sehh, b`effett tal-ligi.*

*Ghalhekk ir-rikors huwa monk u ghandu jigi michud ghalhekk biss.*

*Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma komunkwe infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u ghandhom jigu ghalhekk respinti.*

*Illi r-rikorrenti jargumentaw illi l-intimati qed jaghmlu xoghlijiet li bihom se jwaqqghu il-hajt, u fin-nifs ta` wara, jghidu li x-xoghlijiet qed isiru biex il-hajt jidjieq (u mhux jitwaqqa`).*

*Illi jigi rilevat li l-hajt in kwistjoni m`huwiex dak li dwaru sar ftehim li jittella` permezz ta` reinforced hollow concrete brick wall ta` gholi mhux inqas minn tliet metri, izda huwa dak il-hajt li dwaru r-rikorrenti, fil-kwazi-kuntratt gudizzjarju, ddikjaraw li huma sodisfatti bil-kostruzzjoni attwali. Ghalhekk, ma tezisti ebda rabta fuq l-esponenti biex ma jaghmlux ix-xoghol ta` tidjieq tal-hajt, liema xoghol qed isir skont is-sengha u l-arti u taht is-sorveljanza tal-perit inkarigat mill-istess esponenti.*

*Illi anke kieku stess il-hajt in kwistjoni kien regolat minn dik il-parti tal-kwazi-kuntratt gudizzjarju li ghalih jirreferu r-rikorrenti (u cjoe` li l-hajt jittella` permezz ta` reinforced hollow concrete brick wall ta` gholi mhux inqas minn tliet metri), jibqa` l-fatt li mkien f`dak il-kwazi-kuntratt gudizzjarju l-esponenti ma ntrabtu dwar il-hxuna tal-hajt, u ghalhekk b`ebda tigbid t`argumentazzjoni ma jista` jinghad li huma qed jagixxu b`disprezz lejn l-ordni mposta fuqhom permezz ta` dan il-mandat.*

*Illi l-istess jinghad fir-rigward tal-effetti tas-sentenza – imkien fl-istess sentenza ma inghatat xi decizjoni dwar il-hxuna tal-hajt divizorju. F`kull kaz, datum sed non concessum li kien hemm tali decizjoni, talba bhal din kellha ssir fl-atti ta` dik il-kawza, u mhux ta` dan il-mandat, u ghalhekk ukoll dan ir-rikors hu monk. L-esponenti jhossu li ma jkunx inopportun li jirrilevaw li r-rikorrenti prezentaw diversi rikorsi wara l-ghoti tas-sentenza fil-kawza, simili ghal dak odjern, li lkoll gew michuda.*

*Illi ghalhekk din il-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda gdida li certament ma tirrientrax ruhha f`dak regolat mill-mandat odjern, u jsegwi allura li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu lkoll michuda.*

*Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma manifestament infondati, u anzi huma frivoli u vessatorji.*

*Tant ghandhom x`jesponu r-rikorrenti ghas-superjuri gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tas-smigh tar-rikors.

**Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri dwar l-ewwel eccezzjoni.**

**Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.**

## II. Sottomissjonijiet

### 1. L-intimati

L-intimati jissottomettu li r-rikorrenti kienu pprezentaw rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni (**il-Mandat**) kontra taghhom. Il-hrug tal-Mandat kien akkordat fil-11 ta` Lulju 2014.

In segwitu sar rikors iehor fejn ir-rikorrenti lmentaw illi l-intimati kienu ghamlu xoghol bi ksur tal-Mandat.

Il-qorti ghamlet access u sar verbal fis-6 ta` Ottubru 2014 li dwaru kien hemm qbil bejn il-partijiet.

Il-verbal jikkostitwixxi kwazi kuntratt gudizzjarju.

Sabiex ikun hemm ksur tal-Mandat, trid issir il-prova li d-digriet li permezz tieghu kien akkordat il-hrug tal-Mandat kien ghadu fis-sehh. Mandat ta` inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju. L-ezistenza tieghu hija marbuta ma` kawza fil-mertu li tkun trid issir sabiex izomm il-Mandat fis-sehh. Min-natura tieghu, il-Mandat huwa temporanju u ma jista` jigu milqugh in perpetwita`.

Jinghad mill-intimati li x-xogholijiet li dwarhom qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti f`dan il-procediment saru ferm wara t-terminu legali li jsegwi d-decizjoni tal-kawza fil-mertu. Tant hu hekk li l-kawza fil-mertu kienet deciza f`Ottubru 2017 waqt li x-xogholijiet in kwistjoni saru fl-2019.

Skont l-intimati l-effetti tal-Mandat spiccaw hekk kif ghadda t-terminu legali wara li l-kawza fil-mertu saret gudikat.

Ir-rikorrenti jikkontendu li t-talba taghhom fil-procediment odjern mhijiex fondata fuq id-digriet tal-11 ta` Lulju 2014, izda fuq il-verbal li sar waqt l-access tas-6 ta` Ottubru 2014. L-intimati jwiegbu ghal din il-pretensjoni billi jissottomettu li t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti jinvokaw l-applikazzjoni tal-Art 873(4) tal-Kap 12 fejn qeghdin jitolbu rimedju ghall-ksur tal-Mandat. Bhala domanda alternattiva, talbu l-bidu ta` proceduri ghal disprezz tal-qorti kontra r-rikorrenti.

Ghall-intimati huwa bil-wisq evidenti illi t-talba principali hija marbuta mal-ezistenza tal-Mandat, li llum *ope legis* m`ghadux fis-sehh. Infatti sakemm ma jithassarx mill-qorti jew ma jigix irtirat mill-parti li tkun kisbet il-hrug, kull mandat kawtelatorju jibqa` fis-sehh sa 15-il jum wara li l-kawza tghaddi in gudikat.

Dwar id-domanda alternattiva, l-intimati jissottomettu li kwazi kuntratt gudizzjarju ma jista` qatt iwassal ghal proceduri ta` disprezz tal-qorti. Il-ksur ta` ftehim li jkun maqbul mill-partijiet quddiem il-qorti mhuwiex ordni tal-qorti u ghalhekk ma jistax iwassal ghal proceduri ta` disprezz tal-qorti. Bhala fatt, in segwitu ghall-verbal tal-access, il-procediment kien ceduta fis-7 ta` Ottubru 2014.

## 2. **Ir-rikorrenti**

Skont ir-rikorrenti, il-ftehim li ntlahaq waqt l-access ghandu sahha ta` digriet. Mhuwiex semplici kwazi-kuntratt gudizzjarju.

Dwar li mandat kawtelatorju jibqa` fis-sehh biss ghal 15-il jum wara li sentenza tghaddi in gudikat, jissottomettu li d-disposizzjoni hija kondizzjonata ghall-htiega li jigi prezentat rikors ghall-hrug ta` kontromandat mill-parti li tkun trid li l-Mandat jitnehha. Jekk ir-rikors ma jkunx prezentat, u allura wisq inqas dekretat, il-Mandat jibqa` fis-sehh.

## III. **Konsiderazzjonijiet**

Ghalkemm fl-ewwel eccezzjoni l-intimati jikkontendu li r-rikorrenti *donnhom* qed jippretendu li l-effetti ta` mandat ta`inibizzjoni jibqghu veljanti b`mod permanenti meta l-gurisprudenza tghid li mhijiex ammissibbli talba ghal inibizzjoni perpetwa, il-qorti jidhrilha li t-talba tar-rikorrenti mhijiex intiza sabiex twassal ghal inibizzjoni perpetwa. Li r-rikorrenti qeghdin jitolbu mill-qorti huwa li *a tenur tal-artikolu 873(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna lill-intimati sabiex jirrimedjaw dak li wettqu bi ksur tal-mandat fl-ismijiet premessi, u senjatament tordnalhom ukoll sabiex jergghu jqieghdu l-hajt in kwistjoni fl-istat li kien meta sar il-ftehim hawn fuq imsemmi.*

L-**Art 873(4) tal-Kap 12** jaqra :-

*Jekk jigi ppruvat permezz ta` rikors ghas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni l-persuna inibita agixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha, minghajr pregudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista` tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita.*

L-**Art 838B tal-Kap 12** jaqra :-

*(1) Sakemm ma jigix imhassar mill-qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat, kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa` fis-sehh sa hmistax-il gurnata wara li l-kawza tghaddi f`gudikat.*

*(2) Minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji mahrugin skont l-artikolu 830(1) isiru ezekuttivi wara li kawza tghaddi f`gudikat …"*

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Ottubru 1997 fil-kawza **Connie Galea et v. Joseph Gauci** deciza fis-7 ta` Ottubru 1997 inghad hekk -

*Illi l-mandat ta` inibzzjoni huwa wiehed mill-atti intizi biex jikkawtelaw dritt. Trid ghalhekk tinzamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt ikkawtelat.*

*Fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jirregolaw l-atti kawtelatorji, fosthom il-mandat ta` inibizzjoni, insibu l-artikolu 829 li jiddispondi li kull persuna tista`, minghajr mhu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha b`xi wiehed jew izjed mill-mandati kawtelatorji msemmijin fl-istess titolu VI tal-Kodici citat li jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilita taghha. L-artikolu 873 imbaghad specifikament fuq il-mandat ta` inibizzjoni jiddispondi li l-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu biex izomm persuna milli taghmel xi haga, tkun li tkun, ta` hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat. Il-qorti m`ghandhiex tohrog mandat ta` inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet ta` min jitlob il-hrug tal-mandat u li prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*Skond l-artikolu 843(1) il-persuna li titlob il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ghandha taghmel il-kawza ghad-dritt imsemmi fil-mandat u jekk tonqos li taghmel dan fit-terminu preskritt, l-effetti tal-mandat jispiccaw.*

Jirrizulta li l-Mandat kien dekretat fil-11 ta` Lulju 2014.

Fit-terminu legali, ir-rikorrenti pprezentaw rikors guramentat **dwar il-jedd** u cioe` dik Nru. 667/2014 fl-ismijiet : **Guido Fenech et**

**v. Ernest Azzopardi et**. Il-kawza kienet deciza fis-16 ta` Ottubru 2017.

Il-parti decizorja tas-sentenza kienet taqra hekk :–

*1. Tilqa` l-ewwel talba attriċi limitatament billi tordna lill-konvenuti sabiex a tenur tal-artikolu 439 tal-Kap. 16, fl-iskavar kollu li ghad iridu jaghmlu fl-ghalqa proprjetà taghhom maghrufa bhala `Tal-Warda`, f`Triq il-Warda, Qrendi, adjaċenti ghall-art tal-atturi, iżommu d-distanza legali ta` mhux inqas minn sitta u sebghin (76) ċentimetru mill-hajt diviżorju ta` bejn is-siti rispettivi tal-partijiet.*

*2. Tilqa` t-tieni talba attriċi in kwantu li rriżulta li minhabba li l-konvenuti naqsu milli jżommu mad-distanza stabbilita fl-artikolu 439 tal-Kap. 16, ikkollassat parti mill-hajt diviżorju u maghha waqghet ukoll xi hamrija fil-proprjetà tal-atturi.*

*3. Tilqa` t-tielet talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti jimlew bil-hamrija u terrapien kwalunkwe skavar li sar f`distanza inqas minn sitta u sebghin (76) ċentimetru mill-hajt diviżorju fi żmien 30 jum mid-data tas-sentenza u dan taht is-sorveljanza tal-perit Mario Cassar li qieghed jinhatar ghal dan l-iskop. Fin-nuqqas li jsir dak ordnat, din il-Qorti qieghda minn issa tawtorizza lill-atturi jaghmlu xoghlijiet huma a spejjeż tal-konvenuti.*

**Hija l-fehma ta` din il-qorti li l-intimati la jistghu u lanqas ghandhom jillimitaw ruhhom ghas-subartikolu (1) tal-Art 838B sabiex isostnu l-eccezzjoni taghhom.**

**Dan qed jinghad propju ghaliex il-kaz odjern jittratta dwar l-effetti ta` mandat ta` inibizzjoni.**

**Dan ix-xorta ta` mandat huwa elenkat fost l-atti kawtelatorji fl-Art 830(1)(h).**

**L-intimati ma jistghux joqghodu biss fuq is-subartikolu (1) u jwarrbu fil-genb is-subartikolu (2) aktar u aktar fil-kaz tal-lum fejn si tratta ta` mandat ta` inibizzjoni.**

**Infatti s-subartikolu (2) ighid li *__minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1)__*, mandati kawtelatorji mahrugin skont l-artikolu 830(1) isiru ezekuttivi wara li kawza tghaddi f`gudikat.**

**Il-proviso tas-subartikolu (2) jirregola atti kawtelatorji ohra fil-paragrafi (a) u (b) izda fil-proviso mhuwiex inkluz il-mandat ta` inibizzjoni [Art 830(1)(h)].**

**Dan ikompli jfisser li s-subartikolu (1) mhux applikabbli ghall-mandat ta` inibizzjoni.**

**Li jkompli jfisser li l-Mandat ma baqax kawtelatorju anzi sar ezekuttiv u baqa` fis-sehh *ipso jure* hekk kif is-sentenza fuq riferita saret *res judicata.***

**Fil-procediment odjern ir-rikorrenti qeghdin jinvokaw l-applikazzjoni tal-Art 873(4). Anke ghalhekk hija ghal kollox infondata l-eccezzjoni tal-intimati stante li tal-lum mhijiex kwistjoni fejn mandat ta` inibizzjoni qieghed jintalab li jinzamm in perpetwita` izda fejn qieghed jintalab rimedju dwar Mandat li ghadu fis-sehh.**

**__Provvediment__**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni, spejjez ghall-intimati, u tordna l-prosegwiment tas-smigh tar-rikors.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**